**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)**
**GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR BRIGITTE SULTANA LL.D. LL.M. (CARDIFF), ADV. TRIB. ECCL. MELIT.**

**Seduta tal-lum it-Tlieta, 1 ta' Settembru 2020.**

**Kawza numru 32/2019**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josef Gauci)**

**vs.**

**Aaron Atzori (I.D. Nru. 16403(H))**

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors[1] tal-Ufficjal tal-Probation Joseph Mizzi tal- 11 ta' Awissu 2020 li bih ghamel denunzja ai termini ta' l- Artikolu 21 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta u fejn informa lil din il-Qorti bis-segwenti:

*"rapport tal-ufficcjal tal-Probation Joseph Mizzi sabiex jaggorna lil din l-Onorabbli Qorti dwar l-andament ta' Aaron Atzori, detentur tal-karta ta' l-identita' 16403(H), li qed ikun segwit fuq Ordni ta' Probation ghall-perjodu ta' sentejn, li tigi fi tmiemha fis-7 ta' Awwissu2022.*

---

[1] A fol.33 tal-process

*Minn kuntatt li sar mas-Sur Noel Xerri fi hdan l-OASI, jirrizulta li Aaron Atzori attenda ghall-appuntament mieghu fil-5 ta' Awwissu 2020. Mill-informazzjoni migbura jidher li mill-atteggjament taq' l-ikkoncernat u mill-mod ta' hsieb tieghu (cognitively), mhux qed juri motivazzjoni ghall-programm ta' riabilitazzjoni, izda wkoll hemm ir-riskju li tali programm ma jkunx adegwat ghall-bzonnijiet tieghu.*

*Sussegwentement, is-sottoskritt iltan Atzori fis-6 ta' Awwissu 2020 fejn kienet diskussa l-problema tad-droga u l-problemi li ggib maghha l-istil ta' hajja li qabad. Kien innotat li s-Sur Atzori jinsab dizokkupat, ghandu problema tad-dejn u pressjoni mill-kumpanija ta' hbieb. Barra minn hekk, test tal-urina li ssottometta ruhu ghalih, irrizulta fil-posittiv ghall-uzu tad-droga kokaina u kannabis. Barra s-sessjoni, l-Ufficjal tal-Probation qed izomm kuntatt regolari ma' omm Aaron Atzori sabiex ikun infurmat bl-andament tal-imgieba ta' binha. It-thassib tal-omm zdied meta kontinwament, Aaron baqa' jheddidha sabiex taghtih il-flus u juri aggressivita' fil-konfront taghha.*

*Fl-10 ta' Awwissu 2020 l-Ufficjal sorveljanti kien ikkuntattjat kemm minn omm Aaron u anke mit-taqsima mentali ta' l-Isptar Generali ta' Ghawdex, fejn gie nfurmat illi Atzori kellu jiddahhal is-Short Stay Ward ghall-kura wara li l-imgieba tieghu ddeterjorat u l-aggressivita' tieghu eskalat b'tali mod li kien ikkontrollabbli. Huwa kien ezaminat mill-psikjatra Dr John Borg. Il-psikjatra, ghad li juri t-thassib tieghu dwar l-imgieba ta' Atzori li hija riskjuza hafna, jiccertifika lill-ikkoncernat bhala mentalment stabbli u lest jirrilaxxah mill-isptar, (ara Dok I). Dr Borg issuggerixxa wkoll li Aaron ghandu jittiehed ghar-rijabilitazzjoni residenzjali minnufih. Sfortunatament dan ma jidhirx li hu possibbli hekk kif kien diga' spjegat kemm min-naha tal-OASI u anke min-nuqqas ta' motivazzjoni li qed juri Aaron.*

*Ghall-kuntrarju, is-Social Worker is-Sinura Pauline Camilleri u t-terapista s-Sinjura Jeanette Falzon li segwew lil Atzori anke fil-passat, jiddeskrivu l-imgieba ta' Aaron bhala mpulsiva, minghajr emozzjoni u li ma jahsibx fil-konsegwenzi. Huma jinnotaw li Aaron ghandu rabja lejn ommu u issues tal-passat li ghadhom ma gewx solvuti minn Aaron innifsu u dan juru kwalita' ta' psychopathy.*

*Huwa wkoll ta' thassib illi din l-imgieba aggressiva ta' Aaron qeghda ssir fid-dar fejn tghix ukoll ohtu minuri u r-ragel ta' ommu (li diga' kellu kunflitt mieghu fil-passat u rizultat ta' dan huwa kien inghata din l-istess Ordni ta' Probation).*

*Fid-dawl tal-informazzjoni migbura mill-professjonisti u l-azzjonijiet li wettaq Atzori ricentement, jidher li jekk huwa ma jkunx ikkontrollat ma jkunx hemm serhan il-mohh li mhux ser jerga' jwettaq azzjonijiet kriminali. It-terapija li jehtieg ghandha tghallmu jirrealizza fil-konsegwenzi ta' l-imgieba tieghu (irrational behaviour) u l-livell ta' gravita'. Qed ikun innotat mis-sottoskritt illi Aaron ghadu jrid jizviluppa l-fakulta' li jaghraf jittratta mal-emozzjionijiet u l-kontroll (self management skills) sabiex ikun jista' jahdem fuq aspetti ohra. Aaron ghandu jilqa' l-opportunita' ta' gwida professjonali u jibda jahseb fuq l-azzjonijiet tieghu minghajr ma jkun distratt mill-influwenzi tal-hbieb. Dan sabiex ikun jista' jahdem fuq l-impatt mentali li l-passat u d-droga hallew fuqu.*

*Sottomess minn*

*(ft.) Joseph Mizzi*
*Ufficcjal tal-Probation"*

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha ta' dan il-kaz.

Semghet li l-Probation Officer Joseph Mizzi ikkonferma l-kontenut tar-rapport fis-seduta tat-18 ta' Awissu, 2020.

Semghet lill-Prosekuzzjoni tirrimetti ruhha ghal dak li jirrizulta mill-atti processwali.

**Ikkunsidrat**:

Jirrizulta illi ghal darb'ohra Aaron Atzori irrizulta pozittiv ghat-tehid ta' droga. Dan huwa ammettieh mill-ewwel malli dahal fl-awla. Informa lill-Qorti wkoll illi qed jaghhmel minn kollox sabiex jaqbad it-triq it-tajba.

Il-Qorti tosserva li Atzori ghadu zghir fl-eta'. Jidher illi qed ibaghbas mad-droga ghax ghandu problem psikologici illi ma gewx trattati sew. Temmen illi jekk ikollu min isegwieh mill-qrib u b'direzzjoni aktar cara u dixxiplinata c-cans illi huwa johrog minn dan l-isqaq jikber. Tinnota illi Atzori ghadu fil-bidu tan-nizla u ghalhekk it-tama illi jaqbad it-triq it-tajba hija kbira.

Il-Qorti temmen illi bl-ghajnuna gusta Aaron Atzori jimxi 'l quddiem u ghalhekk hija l-fehma taghha illi tinsisti illi l-perjodu ta' probation jitkompla, b'dan illi tizdied il-kundizzjoni li Atzori jibda jsegwi programm indirizzat lejn iz-zaghzagh illi jkunu ser jaqbdu l-vizzju tad-droga, bl-isem "Adolescent Therapeutic Service", offrut mill-Caritas.

Il-Qorti regghet wissiet lil Aaron Atzori li jekk ma hux ser jimxi mal-kundizzjonijiet ta' l-Ordni mahrug minnha kif ukoll jekk ma josservax id-direzzjoni li jaghtih l-Ufficjal tal-Probation ma hux ser jkollu futur felici izda jkun qed jistieden inkwiet aktar serju b'idejh.

Meta qieset ir-rapporti flimkien, l-imgieba ta' Atzori, kif ukoll l-eta tieghu, hija l-fehma ta' din il-Qorti li ghandha tikkonferma t-terminu ta' l-Ordni ta' Probation u zzid il-kundizzjoniji gia msemmija li huwa jsegwi l-programm Adolescent Therapeutic Service.

**Decide.**

**Il-Qorti wara li rat l-Artikoli 7, 11 u 21 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta issib lil Aaron Atzori hati li kiser il-kundizzjonijiet ta' l-Ordni ta' Probation mahruga minn din l-istess Qorti fil-31 ta' Lulju, 2020 u ghalhekk tikkundannah ghall-hlas ta' ammenda ta' hamsin Euro (€50.00).**

**Ghar-ragunijiet gia moghtija l-Qorti tikkonferma l-perjodu tal-Probation Order minnha mahruga fis-sentenza tal-31 ta' Lulju 2020.**

**A tenur tal-Artikoli 7(7) u 11(4) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti fissret lill-hati bi kliem car u li jinftiehem, l-effetti tal-Ordni ta' Probation kif ukoll tal-kondizzjonijiet kollha elenkati fid-digriet anness ma' din is-sentenza u li f'kaz li jonqos milli jikkonforma ruhu ma' dawk l-ordnijiet u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f'kaz li jaghmel reat iehor tul it-terminu tal-Ordni ta' Probation, jista' jinghata sentenza ghar-reati li taghhom instab hati b'din is-sentenza, kif ukoll l-konsegwenzi li jistghu jigu sofferti f'kaz ta' nuqqas t'adezjoni mat-termini tal-Ordni hawn fuq imsemmi. Il-hati jiddikjara li jaqbel ma tali ordni.**

Ai termini tal-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u tal-ordni ta' probation bid-digrieti ta' llum stess ghandhom jigu trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation u Parole. L-Uffiċjal tal-Probation gia assenjat Joseph Mizzi ghandu jirrapporta bil-miktub lill-Qorti kompetenti bil-progress tal-hati kull erba' gimghat.

Dr Brigitte Sultana
Magistrat

Maureen Xuereb
D/Registratur